13 ta' Novembru 2016
106/2016

## L-ERBA' PILASTRI TAL-PAĊI: Il-VERITÀ, IL-ĠUSTIZZJA, L-IMĦABBA U L-LIBERTÀ

OMELIJA WAQT QUDDIESA PONTIFIKALI F'JUM IT-TIFKIRA 2016

Illum qed naqdu dmirna lejn dawk ħutna li ħallewna fil-qadi ta' dmirijiethom lejn pajjiżna fi żmien ta' kunflitt; dawk kollha li taw ħajjithom biex aħna nistgħu ngawdu s-sliem u s-sigurtà.

Fit-30 ta' April li għadda, il-Papa Franġisku sellem lill-membri tal-Forzi Armati li nġabru f'San Pietru biex jiċċelebraw il-Ġublew tal-Ħniena. F'din l-okkażjoni kellu dan x'jgħidilhom: "Il-membri tal-Forzi Armati għandhom il-missjoni li jiggarantixxu ambjent sikur biex kull ċittadin ikun jista' jgħix fil-paċi u s-sigurtà. Fil-familji tagħkom, fl-ambjenti differenti li fihom taħdmu, tħabtu biex tkunu għodda ta' rikonċiljazzjoni, bennejja tal-pontijiet u dawk li jiżirgħu s-sliem."

Intom imsejħa tabilħaqq mhux biss biex ma tħallux li jinbtu u twaqqfu l-kunflitti, iżda wkoll biex tgħinu fil-bini ta' ordni li l-pedament tiegħu huma l-verità, il-ġustizzja, l-imħabba u l-libertà, skont kif iddefinixxa l-paċi l-Papa San Ġwanni XXIII fl-Enċiklika tiegħu Pacem in Terris.

L-affermazzjoni tal-paċi mhix biċċa xogħol faċli għax il-gwerra twebbes il-qlub tal-bnedmin u tkattar il-vjolenza u l-mibegħda. Nitlobkom bil-ħrara biex ma taqtgħux qalbkom.

Dawn il-kelmiet tal-Papa Franġisku jidwu l-kliem ta' Ġesù fl-Evanġelju tal-lum. "Meta tisimgħu min jitkellem fuq gwerer u taqlib fil-pajjiżi, tinħasdux għax jeħtieġ li l-ewwel jiġri dan, iżda t-tmiem ma jasalx minnufih." ... "Għad iqum ġens kontra ġens u saltna kontra saltna, l-art titheżżeż bil-kbir."

Minħabba li l-Papa Franġisku semma t-tagħlim ta' San Ġwanni XXII fil-Pacem in Terris (1963) u hekk għamel tiegħu l-erba' plieri tal-paċi fil-ħajja soċjali: Il-Verità, il-Ġustizzja, l-Imħabba u l-Libertà, nixtieq nipproponilkom dawn l-erba' pilastri għar-riflessjoni tagħkom, għeżież membri tal-Forzi Armati. Nixtieq napplika kull wieħed minnhom għar-rwol tagħkom fis-soċjetà u l-esperjenza personali tagħkom f'korpi tad-dixxiplina. Il-messaġġ ewlieni tiegħi għalikom hu dan: biex tkunu tassew ħarriesa effettivi tal-paċi fis-soċjetà għandkom tippromwovu l-erba' plieri tal-paċi fil-mod kif iġġibu ruħkom bejnietkom bħala membri tal-Forzi Armati u fil-mod kif taqdu d-dmirijiet tagħkom lejn l-Istat.

L-ewwel plier hija l-verità. Sewwasew kif jgħid San Ġwanni XXIII: "Qabel soċjetà tista tkun meqjusa ordnata, kreattiva u f'armonija mad-dinjità tal-bniedem, trid tkun mibnija fuq il-verità. Fi kliem San Pawl: 'Warrbu minnkom il-gideb u għidu l-verità wieħed lill-ieħor, għax aħna membri ta' xulxin.' U hekk tassew ikun jekk kull wieħed jagħraf b'mod sinċier id-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu u tal-oħrajn" (PT 35). L-ewwel plier jagħmlilkom kuraġġ biex tagħrfu d-drittijiet u d-dmirijiet ta' kulħadd bħala ċittadini tar-Repubblika, inklużi d-drittijiet u d-dmirijiet ta' sħabkom membri fil-Forzi Armati. Dan jitlob mill-mexxejja tal-Armata sens qawwi ta' Stat għall-qadi tal-ġid komuni.

It-tieni plier hija l-ġustizzja. Il-Papa Roncalli kellu dan xi jgħid dwar il-ġustizzja. "Is-soċjetà tal-bnedmin... titlob li kull bniedem ikun immexxi mill-ġustizzja, rispett lejn id-drittijiet tal-oħrajn u il-qadi ta' dmirijiethom." L-Ewwel Qari tal-lum mill-Profeta Malakija jħabbar din il-profezija sabiħa: "Imma għalikom li tibżgħu minn ismi titla' x-xemx tal-ġustizzja, bis-salvazzjoni fuq ġwenħajha". Salm 98, is-Salm Responsorjali fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum smajna: "Il-Mulej jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja, u mill-popli bis-sewwa." It-tmexxija u s-servizz mibnija fuq il-ġustizzja jfisser li n-nies "jirrispettaw id-drittijiet tal-oħrajn u jaqdu dmirhom." Jekk intom tagħrfu d-drittijiet u d-dmirijiet se jkollkom iktar ħila tirrispettaw id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, ikollkom iktar ħila taqdu dmirkom taħt ir-regola tal-liġi.

It-tielet plier huwa l-karità jew l-imħabba. Dwar dan, il-Papa Roncalli qal: "[Is-soċjetà tal-bnedmin] titlob ukoll li kull bniedem ikun imħeġġeġ b'din l-imħabba li ġġiegħlu jħoss li l-ħtiġijiet tal-oħrajn huma daqslikieku tiegħu stess, tħajjarhom jaqsmu l-ġid tagħhom mal-oħrajn, u jitħabtu fid-dinja biex jagħmlu mill-bnedmin kollha werrieta tal-valuri intellettwali u spiritwali l-iktar nobbli." Inħeġġiġkom biex iġġibu 'l quddiem ambjent ta' mħabba fir-rangi kollha, tevitaw it-tqassis li javvelena l-moral tagħkom u tfittxu li tgħożżu d-doni li kull wieħed u waħda minnkom iġġibu magħkom fil-Forzi Armati. F'isem il-poplu ta' din l-Omm li tatna isimha, nixtieq inroddilkom ħajr għax-xogħol erojku tagħkom fil-protezzjoni ċivili u fir-rwol tagħkom fil-ħidmiet umanitarji fil-Mediterran. Dan kollu, huwa tabilħaqq xhieda ġeneruża tal-imħabba li jistħoqqilha tifħir u ammirazzjoni.

Ir-raba' plier hija l-libertà. Il-Papa Ġwanni XXIII qal: "Is-Soċjetà tal-bnedmin hija sostnuta mil-libertà, fi kliem ieħor, fuq l-użu ta' mezzi li huma konsistenti mad-dinjità ta' kull membru tagħha, li mżejna bid-dehen, jassumu r-responsabbiltà ta' dak li jagħmlu." Il-ħsieb tal-libertà fil-kuntest ta' kull armata li taħdem b'dixxiplina militari huwa delikat tassew. Jiena nitlob li l-mexxejja u r-rangi qatt ma jkollhom għalfejn jaslu għall-mument traġiku li fih ikollhom jagħżlu bejn il-qadi tad-dmirijiet tagħhom u dak li titlob minnhom il-kuxjenza. F'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjoni bejn il-Forzi Armati u aħna ċ-ċittadini ordinarji, nitlob li qatt ma jkun il-mument li fih tkunu msejħa minn min għandu s-setgħa biex iċċaħħdulna l-libertajiet tagħna bil-forza jew bil-vjolenza inġusta. Jalla nsibu fikom, il-ħarriesa tas-sigurtà tagħna, dawk li jiddefendu l-libertajiet tagħna.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Il-kliem tal-Papa Franġisku lilkom huma wkoll kliem ta' kuraġġ: "Komplu bil-pellegrinaġġ ta' fidi tagħkom u iftħu qlubkom għal Alla, il-missier ħanin li ma jgħejja qatt jaħfrilna. Wiċċ imb wiċċ quddiem l-isfidi tal-ħajja ta' kuljum, iddu b'dik it-tama Nisranija garanzija tar-rebħa tal-imħabba fuq il-mibegħda u tal-paċi fuq is-sliem." U kif jgħid il-Mulej fl-Evanġelju tal-lum: "Jekk tibqgħu sħaħ sal-aħħar issalvaw ħajjitkom!"

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**